32005D0130

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Diċembru 2004

l-istipular tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lejn l-ispejjeż operattivi għall-eradikazzjoni tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit fl-2001

(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 5460)

(It-test Ingliż biss huwa awtentiku)

(2005/130/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-infieq fl-ambitu veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

(1) Kien hemm tfaqqigħa tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit fl-2001. L-emerġenza ta' din il-marda rrapreżentat riskju serju għall-popolazzjoni ta' bhejjem tal-Komunità.

(2) Skond id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/654/KE [2] u 2003/23/KE [3], ġiet mogħtija kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-kumpens lis-sidien għall-valur ta' bhejjem li kellhom obbligatorjament jiġu maqtula minħabba miżuri ta' eradikazzjoni relatati mat-tfaqqigħ tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fl-2001.

(3) Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/676/KE [4] ġiet awtorizzata kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali mill-Komunità lejn l-ispejjeż operattivi u spejjeż oħra għall-eradikazzjoni tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit ta' l-2001.

(4) Skond l-Artikolu 1 ta' din l-aħħar Deċiżjoni sar pagament bil-quddiem ta' EUR 40 miljun lejn il-kontribuzzjoni addizzjonali.

(5) Skond din l-istess Deċiżjoni, il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità kellha tkun ibbażata fuq it-talba sottomessa mir-Renju Unit fis-27 ta' Frar 2003, permezz ta' dokumenti dettaljati li jikkonfermaw il-figuri li jidhru fit-talba, u fuq ir-riżultati mill-kontrolli fuq il-post minn naħa tal-Kummissjoni.

(6) Wara li ttieħdu in konsiderazzjoni l-elementi hawn fuq, il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lejn spejjeż operattivi għall-eradikazzjoni tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit fl-2001 għandha issa tkun ffissata.

(7) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma stipulati b'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimal;

[1] ĠU L 224 tat-18.8.1990, p. 19. kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/99 (ĠU L 325, tat-12.12.2003, p. 31).
[2] ĠU L 230, tat-28.8.2001, p. 16.
[3] ĠU L 8, ta' l-14.1.2003, p. 41.
[4] ĠU L 249, ta' l-1.10.2003, p. 45.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali mill-Komunità lejn l-ispejjeż operattivi u spejjeż oħra għall-eradikazzjoni tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit fl-2001 kopert mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/676/KE ġiet iffissata għal EUR 156 972 555.

Wara li kkunsidrat il-pagament bil-quddiem li sar, valur ta' EUR 40 miljun, bilanċ ta' EUR 116 972 555 għandhom jitħalsu kif ikunu disponibbli l-krediti meħtieġa.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmula fi Brussell, fit-30 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni